**323. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne jipproponi:-**

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-Ombudsplan ippreżentat mill-Ombudsman għas-sena 2020 li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 250 tas-7 ta' Ottubru 2019;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Ombudsman personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fit-2 ta' Marzu, 2020;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Ombudsplan kif ippreżentat.

04.03.2020